**Konferenza Nazzjonali dwar l-Immigrazzjoni Irregolari**

**7, 8 ta' Frar 2005**

**Indirizz mis-Sur Joseph Farrugia – Direttur Generali**

**Malta Employers' Association.**

Kelma li ta' spiss tissemma fil-qasam tax-xoghol hija 'Globalizzazzjoni'. Il-dinja globalizzata tolqot in-negozju minn diversi angoli. Fosthom hemm l-aspett ta' kompetittivita', u l-mobilita' ta' l-investimenti u rizorsi ohrajn li permezz taghha jaqghu il-kuncetti tradizzjonali ta' fruntieri nazzjonali. Wiehed jista' jghid li Malta bhala pajjiz minn dejjem, sa certu punt, iffunzjona bhala pajjiz globalizzat, ghaliex minn dejjem konna nfluwenzati minn grajjiet li jsehhu barra minn xtutna. Anki fil-produzzjoni, fin-nuqqas ta' rizorsi naturali, il-parti l-kbira ta' dak li nipproducu u nikkonsmaw huwa frott ta' interazzjoni ma' pajjizi u kulturi diversi minn taghna. Il-wirt storiku taghna wkoll huwa frott ta' dan.

Il-fenomenu ta' migrazzjoni Malta hija familjari mieghu ukoll - ftit jezistu Maltin li m'ghandhomx qraba li jghixu f'pajjizi ohrajn. Dan ghaliex kien hemm zminijiet fejn il-kundizzjonijiet ekonomici f'pajjizna kienu joffru relattivament opportunitajiet limitati ta' xoghol meta imqabblin ma' pajjizi ohrajn. Ta' min isemmi li anki pajjizi ohrajn dak iz-zmien raw vantaggi ekonomici billi jaccettaw cittadini Maltin jahdmu f'pajjizhom.

Il-progress ekonomiku li Malta rat tul is-snin fisser li r-rata ta' emigrazzjoni f'Malta naqset u sahansitra spiccat f'sitwazzjoni fejn aktar nies qeghdin jirritornaw f'pajjizna milli jmorru jghixu barra. Izda l-progress ekonomiku li ghaddiet minnu Malta kultant igieghlna ninsew il-fatt li hafna pajjizi ohra baqghu lura, uhud minnhom ftaqru aktar milli kienu qabel. L-inugwaljanzi globali iservu ta' ncentiv sabiex nies ifittxu hajja ahjar f'pajjizi ohrajn. Uhud minnhom, bhalma nafu ikollhom jitilqu minn pajjizhom ghaliex hajjithom stess tkun fil-periklu jekk jibqghu jghixu hemmhekk. L-access ghall-media

aktar jenfasizza l-inugwaljanzi li jezistu, u b'hekk aktar jinkoragixxi l-emigrazzjoni. Nikkwota lil Tarja Halonen, il-President tal-Finlandja u co-chairperson tal-Kummissjoni Dinjija ghad-Dimensjoni Socjali tal-Globalizzazzjoni li stqarret: "Qeghdin nghixu f'ekonomija globali, izda mhux f'socjeta' globali". Nahseb li dan il- ftit kliem jitfa' hafna dawl fuq il-kumplessita' tal-kwistjoni ta' mmigrazzjoni, u anki kif din qeghda tolqot lil Malta.

Huwa fatt li Malta ghandha sitwazzjoni fejn nies minn pajjizi ohra qeghdin jispiccaw hawnhekk b'talba li jmorru f'pajjiz fl-Ewropa jew li jibqghu Malta. Fl-Ewropa huwa stmat li madwar 35 miljun ruh huma immigranti internazzjonali. Din il-figura tkopri mat-8 fil-mija tal-popolazzjoni fl-Unjoni Ewropea. Fl-Ewropa, kif bdiet tizdied il-migrazzjoni fil-bidu tas-snin disghin, hafna gvernijiet irreagixxew billi ghamlu restrizzjonijiet qawwija izda dawn irrealizzaw il-htiega li jkun hemm aktar kontroll effettiv milli restrizzjonijiet harxa.

L-Employers Maltin huma parti minn din is-sitwazzjoni, ghax hafna minn dawn in-nies ifittxu x-xoghol. Huwa fatt li meta ikun hemm min qieghed ifittex xoghol b'mod klandestin, ikun aktar miftuh ghall- esplojtazzjoni, ghaliex ma jkunx protett mill-ligijiet tax-xoghol. Hafna drabi min ikun iddisprat ghal xoghol ikun aktar lest li jaccetta kundizzjonijiet anqas mill-minimu li toffri l-ligi. Bhala Assocjazzjoni ahna nemmnu fid-dinjita' tax-xoghol u ma naccettaw qatt li haddiem, kemm jekk huwa Malti u kemm barrani, jigi esplojtat. Bhala wahda mill-Assocjazzjonijiet li nemmnu fil- kuncett ta' Corporate Social Responsibility, u firmatarji tal-Global Compact, li fost il-klawzoli tieghu jispecifika li "*dawk li jhaddmu ghandhom jassiguraw li ma jkunux komplici f'abbuzi ta' drittijiet umani*", u li "*dawk li jhaddmu ghandhom jeliminaw id-diskriminazzjoni.fl-impjieg*", ahna ma nistghux nappoggjaw l-isfruttament u t-traffikar tan-nies.

L-Immigrazjoni irregolari irridu navvicinawha b'mod miftuh u naraw jekk jistax ikun hemm vantaggi ghal kulhadd kieku aktar minn dawn in-nies tinghatalhom l-opportunita' li jahdmu f'pajjizna. L-Unjoni Ewropea hi konxja tal-fatt li bir-rata ta' kif qeghda tixjieh

il-populazzjoni, l-eta' medja tal-haddiema Ewropej dejjem tiela. Huwa mistenni wkoll li n-numru ta' dawk li jahdmu jibda niezel wara l-2010. I- Agenda ta' Lisbona tispecifika li wahda mill-miri taghha hi li tintlahaq il-figura ta' 70% tal-populazzjoni li tippartecipa fid-dinja tax-xoghol. Minkejja li l-Ewropa ghadha l-boghod minn dan l-objettiv, anki kieku kellu jintlahaq, in-numru ta' haddiema jaqa' xorta wahda. L-immigrazzjoni kontrollata tista' mizura li tikkompensa parzjalment ghal dan il-fenomenu.

Ma ninsewx li fattur iehor li huwa relevanti ghal pajjizna hu li n-numru ta' haddiema ghal kull penzjonant huwa mistenni li jinzel minn erbgha ghal kull penzjonant ghal tnejn ghal kull penzjonant fi zmien ghoxrin sena. Sabiex ikollna sistema ta' penzjonijiet sostenibbli, bilfors li din is-sitwazzjoni trid tinbidel b'numru ta' mizuri fosthom tibdil fl-eta ta'l-irtirar, partecipazzjoni aktar gholja ta' nisa, u possibilment, immigrazzjoni kontrollata.

Hawnhekk qieghed nuza t-terminu immigrazzjoni kontrollata ghaliex nifhem li ma jkunx realistiku li wiehed jistenna li kull min jigi Malta, awtomatikament jinghatalu x-xoghol, jew li Malta tista' qatt tkun f'sitwazzjoni li tiftah il-bibien kompletament u minghajr riservi ghal kull min irid jigi joqghod fiha. Lanqas nistghu naghtu l-impressjoni li t-traffikar tan-nies huwa accettat. Ir-rapport prezentat mill-Ministeru tal-Gustizzja u l-Intern u l-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta' Socjali jizvela bic-car li bhala pajjiz zghir, anki numru zghir ta' immigranti huwa l-ekwivalenti ta' numru ferm akbar f'pajjizi ohrajn Ewropej. Naqbel mal-principju msemmi fid-dokument li bhala socjeta' ghandna nuru solidarjeta' ma dawk li genwinament qeghdin jaharbu l-persekuzzjoni, izda mhux ma min mhux genwin. Ghalhekk nahseb li l-ahjar triq tkun dik ta' migrazzjoni li tkun ibbazata fuq solidarjeta ma min ghandu bzonnha, u li tkun immaniggjata b'mod li tipprotegi lil min jahdem f'pajjizna u tkun ta' beneficcju ekonomiku ukoll.

Immigranti jistghu ukoll ikunu eligibbli ghal tahrig ghax-xoghol sabiex ma jibqawx dipendenti fuq l-istat. Hu maghruf li f'diversi oqsma, ghal diversi ragunijiet, hemm nuqqas ta' Maltin li jridu jahdmu fihom. Dawn ix-xoghlijiet jistghu jimtlew minn haddiehor, taht kundizzjonijiet li tippermetti l-ligi. F'dan il-kuntest, huwa mportanti li

jigu mfassla sistemi ta' processor ta' applikazzjonijiet  ghall-impjieg li jkunu efficjenti u li jkunu kapaci li jsegwu kull tibdil fl-impjieg taghhom.

Dawk li jhaddmu jistghu ukoll jaghtu kontribut billi jaccertaw li immigranti jintegraw ruhhom ma' haddiema ohrajn fil-post tax-xoghol. Jista' jkun hemm ostakli ta' lingwi u kultura li taghmilha aktar difficli sabiex barrani jigi accettat bhala wiehed jew wahda mill- haddiema regolari fuq post tax-xoghol. Hawnhekk ukoll, it-tahrig, kemm ghall-immigrant, kif ukoll ghall- haddiema l-ohrajn ikun indispensabbli. M'ghandux ikun hemm distinzjoni bejn id-drittijiet u l-obbligi tar-rifjugati u haddiema Maltin. Dan il-principju huwa stabilit fil-ligi permezz tar-regolamenti ta' hlas indaqs ghal xoghol ta' l-istess valur, kif ukoll dawk li jirigwardaw id-diskriminazzjoni. Nemmen li l-akbar dinjita' li tista' tinghata lil refugjat hi li jhossu li qieghed jikkontribwixxi fil-pajjiz li qieghed jghix fih, kif ghamlu haddiema Maltin emigranti f'pajjizi ohra.

**Joseph Farrugia**